

FTEHIM

LI JEMENDA T-TRATTAT

LI JISTABBILIXXI L-MEKKANIŻMU EWROPEW TA' STABBILTÀ
BEJN IR-RENJU TAL-BELĠJU, IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,
IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA, L-IRLANDA, IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,
IR-RENJU TA' SPANJA, IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,
IR-REPUBBLIKA TALJANA, IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,
IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA, IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,
IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU, IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,
IR-RENJU TAL-PAJJIŻI L-BAXXI, IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,
IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA, IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,
IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA U R-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA

PREAMBOLU

Il-partijiet KONTRAENTI, ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka u r-Repubblika tal-Finlandja (“l-Istati Membri taż-żona tal-euro” jew il- “Firmatarji”);

JIRRIKONOXxu l-qbil li jiġi mmobilizzat il-finanzjament u li jipprovdu finanzjament ta' kontinġenza għall-finijiet tal-użu tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (“SRF”), li huwa proprjetà tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (“SRB”) stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ta' ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹;

JIRRIKONOXxu l-kontribut ewlieni tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (“MES”) fil-ġestjoni tal-kriżijiet billi jipprovdi appoġġ f'waqt u effettiv lill-Istati Membri taż-żona tal-euro;

WARA LI QABLU dwar pakkett komprensiv biex isaħħu ulterjorment l-Unjoni Ekonomika u Monetarja;

¹ ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1.

BIL-GĦAN ta' żvilupp ulterjuri tal-MES biex jissaħħu r-reżiljenza u l-kapaċitajiet tar-riżoluzzjoni tal-kriżi taż-żona tal-euro, filwaqt li tkompli tiġi rrispettata bis-sħiħ il-liġi tal-Unjoni Ewropea;

IFAKKRU li fis-Summit taż-Żona tal-Euro tad-29 ta' Ġunju 2018 f'format inklużiv, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro ddikjaraw li l-MES ser jipprovdi garanzija ta' kontinġenza komuni għall-SRF u ser jissaħħaħ abbażi tal-elementi li jinsabu fl-ittra tal-President tal-Grupp tal-Euro datata l-25 ta' Ġunju 2018;

IFAKKRU ULTERJORMENT li fis-Summit taż-Żona tal-Euro tal-14 ta' Diċembru 2018 f'format inklużiv, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro approvaw it-termini ta' referenza tal-imsemmija garanzija ta' kontinġenza komuni u dokument dwar il-kondizzjonijiet dwar ir-riforma tal-MES, u li, fis-Summit taż-Żona tal-Euro tal-21 ta' Ġunju 2019 f'format inklużiv, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro ħadu nota tal-ftehim ġenerali milġuq dwar ir-reviżjoni tat-Trattat li Jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà,

FTIEHMU kif ġej:

ARTIKOLU 1

Emendi għat-Trattat li Jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà

It-Trattat li Jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà huwa emendat kif ġej:

A. Il-Preambolu huwa emendat kif ġej:

(1) Il-premessa (4) hija sostitwita b'dan li ġej:

"(4) L-osservanza stretta tal-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, il-qafas integrat għas-sorveljanza fiskali u makroekonomika, b'mod partikolari l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, il-qafas tal-iżbilanċi makroekonomiċi u r-regoli tal-Unjoni Ewropea dwar il-governanza ekonomika, għandhom jibqgħu l-ewwel linja ta' difiża kontra l-kriżijiet ta' fiduċja li jolqtu l-istabbiltà taż-żona tal-euro."

(2) Jiddaħħlu l-premessi li ġejjin:

"(5a) Fis-Summit taż-Żona tal-Euro tad-29 ta' Ġunju 2018 f'format inklużiv, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro ddikjaraw li l-MES ser jipprovdi garanzija ta' kontinġenza komuni għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni ("SRF") u ser jissaħħaħ abbażi tal-elementi li jinsabu fl-ittra tal-President tal-Grupp tal-Euro datata l-25 ta' Ġunju 2018. Fis-Summit taż-Żona tal-Euro tal-14 ta' Diċembru 2018 f'format inklużiv, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro approvaw it-termini ta' referenza tal-imsemmija garanzija ta' kontinġenza komuni li għandha tiġi pprovduta mill-MES, kif ukoll dokument dwar il-kondizzjonijiet dwar ir-riforma tal-MES. Id-dokument dwar il-kondizzjonijiet dwar ir-riforma tal-MES jipprevedi li mhux aktar tard minn tmien il-perijodu tranżitorju, ser tiġi stabbilita garanzija ta' kontinġenza komuni għall-SRF. Id-dokument dwar il-kondizzjonijiet dwar ir-riforma tal-MES jipprevedi wkoll li l-effettività ta' strumenti prekawzjonarji ta' assistenza finanzjarja ser jissaħħu għal Membri tal-MES b'elementi fundamentali ekonomiċi sodi, li jistgħu jiġu affettwati minn xokk negattiv lil hinn mill-kontroll tagħhom. F'konformità mal-pożizzjoni konġunta dwar il-kooperazzjoni futura bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-MES kif annessa mad-dokument dwar il-kondizzjonijiet dwar ir-riforma tal-MES fir-rigward tal-valutazzjoni tal-eliġibbiltà taħt il-linja ta' kreditu prekawzjonarja, skont l-ambitu preċiż tal-kriterji ta' eliġibbiltà, il-Kummissjoni Ewropea u l-MES ser jassumu r-rwoli rispettivi tagħhom f'konformità mal-liġi tal-Unjoni Ewropea, dan it-Trattat u l-linji gwida tal-MES. Id-dokument dwar il-kondizzjonijiet dwar ir-riforma tal-MES jipprevedi wkoll li jiġi applikat marġni addizzjonali fejn Membru tal-MES li jkun ingħata assistenza finanzjarja prekawzjonarja tal-MES jonqos milli jikkonforma mal-kondizzjonalità marbuta miegħu wara li jkun ġibed fondi, sakemm tali nuqqas ta' konformità ma jkunx dovut għal avvenimenti lil hinn mill-kontroll tal-gvern. Barra minn hekk, id-dokument dwar il-kondizzjonijiet dwar ir-riforma tal-MES jenfasizza li l-kondizzjonalità tibqa' prinċipju sottostanti ta' dan it-Trattat u tal-istrumenti kollha tal-MES, iżda t-termini eżatti jeħtieġ li jiġu adattati għal kull strument.

(5b) Il-pożizzjoni konġunta dwar il-kooperazzjoni futura bejn il-MES u l-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi l-ftehim dwar modalitajiet ġodda ta' kooperazzjoni fi ħdan u barra l-programmi ta' assistenza finanzjarja. Il-Kummissjoni Ewropea u l-MES jikkondividu objettivi komuni u ser jeżerċitaw kompiti speċifiċi relatati mal-ġestjoni tal-kriżijiet għaż-żona tal-euro abbażi tal-liġi tal-Unjoni Ewropea u dan it-Trattat. Għalhekk, iż-żewġ istituzzjonijiet ser jaħdmu flimkien mill-qrib fuq miżuri ta' ġestjoni ta' kriżi tal-MES b'governanza effiċjenti li ssegwi l-istabbiltà finanzjarja billi tikkumplimenta l-għarfien espert. Il-Kummissjoni Ewropea tiżgura konsistenza mal-liġi tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari mal-qafas ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika. L-MES iwettaq l-analiżi u l-valutazzjoni tiegħu mill-perspettiva ta' min isellef. Il-pożizzjoni konġunta dwar il-kooperazzjoni futura ser tkun inkorporata b'mod sħiħ f'memorandum ta' kooperazzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 13(8), meta l-emendi għal dan it-Trattat jidħlu fis-seħħ."

(3) Fil-premessa (7), tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Il-Membri tal-MES jirrikonoxxu d-djalogu attwali bejn id-Direttur Maniġerjali u l-Parlament Ewropew."

(4) Fil-premessa (8), it-tielet sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Stat Membru taż-żona tal-euro li jitlob assistenza finanzjarja mill-MES huwa mistenni li jindirizza, kull meta jkun xieraq, talba simili lill-FMI."

(5) Tiddaħħal il-premessa li ġejja:

"(9a) L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li l-munita tagħhom mhijiex l-euro u li jkunu stabbilixxew kooperazzjoni mill-qrib mal-Bank Ċentrali Ewropew ("BĊE") skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu huma mistennija li jipprovdu linji ta' kreditu paralleli għall-SRF flimkien mal-MES. Dawk l-Istati Membri ser jipparteċipaw fil-garanzija ta' kontinġenza komuni b'termini ekwivalenti ("Stati Membri Parteċipanti"). Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri Parteċipanti għandhom jiġu mistiedna jattendu l-laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi u l-Bord tad-Diretturi bħala osservaturi fejn ser jiġu diskussi kwistjonijiet dwar il-garanzija ta' kontinġenza komuni u għandu jkollhom l-istess aċċess għall-informazzjoni. Għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti xierqa għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni u koordinazzjoni f'waqtha bejn il-MES u l-Istati Membri Parteċipanti. Għandu jkun possibbli li r-rappreżentanti tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni ("SRB") jiġu mistiedna bħala osservaturi fuq bażi *ad hoc* biex jattendu l-laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi u tal-Bord tad-Diretturi fejn jiġi diskuss il-finanzjament ta' kontinġenza."

* ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63."

(6) Il-premessa (10) hija sostitwita b'dan li ġej:

"(10) Fl-20 ta' Ġunju 2011, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea awtorizzaw lill-Partijiet Kontraenti ta' dan it-Trattat biex jitolbu lill-Kummissjoni Ewropea u lill-BĊE jwettqu l-kompiti previsti f'dan it-Trattat. Huwa rikonoxxut li d-dmirijiet mogħtija f'dan it-Trattat lill-Kummissjoni Ewropea u lill-BĊE ma jinvolvu l-ebda setgħa biex jieħdu deċiżjonijiet waħedhom u li l-kompiti mwettqa minn daww iż-żewġ istituzzjonijiet fuq il-bażi ta' dan it-Trattat jorbtu biss lill-MES.”.

(7) Fil-premessa (11) huma miżjuda s-sentenzi li ġejjin:

“Wara l-introduzzjoni ta' dawn is-CACs mill-1 ta' Jannar 2013, il-Membri tal-MES jimpenjaw ruħhom li sal-2022 jintroduċu s-CACs li jipprovdu għal votazzjoni aggregata b'parti waħda (“CACs b'parti waħda”). Il-modalitajiet legali dettaljati ser jiġu miftiehma fil-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, b'kont meħud tar-rekwiżiti kostituzzjonali nazzjonali, sabiex is-CACs ta' parti waħda jiġu implimentati mill-Membri kollha tal-MES f'titoli ġodda tal-gvern fiż-żona tal-euro b'mod li jiżgura li l-impatt legali tagħhom huwa identiku.”.

(8) Jiddaħħlu l-premessi li ġejjin:

"(11a) Fuq talba minn Membru tal-MES u fejn xieraq, il-MES jista' jiffaċilita d-djalogu bejn dak il-Membru tal-MES u l-investituri privati tiegħu fuq bażi volontarja, informali, mhux vinkolanti, temporanja u kunfidenzjali.

(11b) Il-MES għandu jipprovdi appoġġ ta' stabbiltà biss lil daww il-Membri tal-MES li d-dejn tagħhom huwa meqjus bħala sostenibbli u li l-kapaċità ta' ripagament tagħhom lill-MES hija kkonfermata. Il-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tad-dejn u tal-kapaċità ta' ripagament ser issir fuq bażi trasparenti u prevedibbli, filwaqt li tippermetti biżżejjed marġni ta' ġudizzju. Tali valutazzjonijiet ser isiru mill-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-BĊE, u l-MES u kull fejn ikun xieraq u possibbli flimkien mal-FMI f'konformità ma' dan it-Trattat, il-liġi tal-Unjoni Ewropea u l-memorandum ta' kooperazzjoni konkluż skont l-Artikolu 13(8). Fejn il-kollaborazzjoni ma tagħtix opinjoni komuni, il-Kummissjoni Ewropea ser tagħmel il-valutazzjoni globali tas-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku, filwaqt li l-MES ser jivvaluta l-kapaċità tal-Membri tal-MES konċernat li jħallas lura l-MES."

(9) Il-premessa (12) hija sostitwita b'dan li ġej:

"(12) F'każijiet eċċezzjonali, għandha tiġi kkunsidrata forma adegwata u proporzjonata ta' involviment tas-settur privat, f'konformità mal-prattika tal-FMI, f'każijiet fejn l-appoġġ għall-istabbiltà jiġi pprovdut flimkien mal-kondizzjonalità fil-forma ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku."

(10) Fil-premessa (13), tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Self ta' kontinġenza għall-SRB mill-MES għandu jgawdi status ta' kreditur privileġġat b'mod simili għal self ieħor tal-MES."

(11) Il-premessa 14 hija sostitwita b'dan li ġej:

"(14) L-Istati Membri taż-żona tal-euro ser jappoġġaw l-istatus ta' kreditur ekwivalenti tal-MES u dak ta' Stati oħra li jsellfu b'mod bilaterali f'koordinazzjoni mal-MES, inkluż fir-rigward ta' self ta' kontinġenza lill-SRB."

(12) Jiddaħħlu l-premessi li ġejjin:

"(15a) L-Artikolu 2(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") jistabbilixxi li l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandhom jikkordinaw il-politiki ekonomiċi tagħhom skont l-arranġamenti stabbiliti mit-TFUE. Skont l-Artikoli 5(1) TFUE u 121 TFUE, l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandhom jikkordinaw il-politiki ekonomiċi tagħhom fi ħdan il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, il-MES ma għandux iservi l-għan ta' koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi bejn il-Membri tal-MES li għalihom il-liġi tal-Unjoni Ewropea ttipprovdi l-arranġamenti neċessarji. Il-MES jirrispetta s-setgħat mogħtija mil-liġi tal-Unjoni Ewropea lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni."

(15b) Il-Membri tal-MES jirrikonoxxu li t-teħid ta' deċiżjonijiet rapidu u effiċjenti taħt il-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza u l-koordinazzjoni mal-Istati Membri Parteciċipanti li jipparteċipaw flimkien mal-MES fil-finanzjament ta' kontinġenza għall-SRF huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-effettività tal-garanzija ta' kontinġenza komuni u ta' riżoluzzjonijiet li jiġu ffinanzjati, kif rifless bit-termini ta' referenza tal-garanzija ta' kontinġenza komuni approvata mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro fis-Summit taż-Żona tal-Euro tal-14 ta' Diċembru 2018 f'format inklużiv. It-termini ta' referenza jipprevedu kriterji għal żborżi taħt il-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza inkluż fost l-oħrajn il-prinċipji tal-aħħar għażla u newtralità fiskali fuq terminu medju, konformità sħiħa mar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 ("SRMR") u mad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE, u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012 ("BRRD"), u l-permanenza tal-qafas legali. It-termini ta' referenza jipprevedu deċiżjoni mill-MES dwar l-użu tal-garanzija ta' kontinġenza, bħala regola, fi żmien 12-il siegħa minn meta ssir it-talba mill-SRB, li jista' jiġi estiż mid-Direttur Maniġerjali għal 24 siegħa f'każijiet eċċezzjonali, speċjalment fil-każ ta' operazzjoni ta' riżoluzzjoni partikolarment kumplessa, filwaqt li jiġu rrispettati r-rekwiżiti kostituzzjonali nazzjonali.

* ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1.

** ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190."

(13) Il-premessa 16 hija sostitwita b'dan li ġej:

"(16) L-indipendenza tad-Direttur Maniġerjali u l-persunal tal-MES hija rikonoxxuta minn dan it-Trattat. Għandha tiġi eżerċitata b'tali mod li, fejn rilevanti u kif previst f'dan it-Trattat, tiġi ppreservata l-konsistenza mal-liġi tal-Unjoni Ewropea, li l-applikazzjoni tagħha tkun issorveljata mill-Kummissjoni Ewropea.".

(14) Il-premessa 17 hija sostitwita b'dan li ġej:

"(17) Id-disputi dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan it-Trattat li jirriżultaw bejn il-Partijiet Kontraenti jew bejn il-Partijiet Kontraenti u l-MES, għandhom jitressqu quddiem il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-Artikolu 273 TFUE.

(18) Il-MES ser jistabbilixxi sistemi ta' twissija xierqa bl-għan li jiġi żgurat li jirċievi kwalunkwe ripagament dovut taħt l-appoġġ għall-istabbiltà jew il-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza fil-ħin. Is-sorveljanza ta' wara l-programm ser issir mill-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-BĊE, u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fil-qafas stabbilit skont l-Artikoli 121 u 136 TFUE.".

B. L-Artikoli huma emendati kif ġej:

(15) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ARTIKOLU 3

Għanijiet

1. L-għan tal-MES għandu jkun li jimmobilizza l-finanzjament u jipprovdi appoġġ ta' stabbiltà taħt kondizzjonalità stretta, xierqa għall-istrument ta' assistenza finanzjarja magħżul, għall-benefiċċju tal-Membri tal-MES li qed jesperjenzaw, jew li huma mhedda minn, problemi serji ta' finanzjament, jekk dan ikun indispensabbli għas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro kollha kemm hi u tal-Istati Membri tagħha. Fejn ikun rilevanti sabiex jitħejja internament u jkun jista' jiġi ppreparat b'mod xieraq u fil-ħin tal-kompiti mogħtija lilu b'dan it-Trattat, il-MES jista' jsegwi u jivvaluta s-sitwazzjoni makroekonomika u finanzjarja tal-Membri tiegħu inkluża s-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku tagħhom u jwettaq analiżi tal-informazzjoni u d-data rilevanti. Għal dan il-għan, id-Direttur Maniġerjali għandu jikkollabora mal-Kummissjoni Ewropea u l-BĊE biex jiżgura konsistenza sħiħa mal-qafas għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika previst fit-TFUE.
2. L-MES jista' jipprovdi faċilità ta' garanzija għall-SRB għall-SRF biex tiġi appoġġata l-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni u l-eżerċizzju tas-setgħat ta' riżoluzzjoni tal-SRB kif stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni Ewropea.
3. Għal dawn l-għanijiet, l-MES għandu jkollu d-dritt li jiġbor fondi billi joħroġ strumenti finanzjarji jew billi jidħol fi ftehimiet jew arranġamenti finanzjarji jew oħrajn ma' Membri tal-MES, ma' istituzzjonijiet finanzjarji jew ma' partijiet terzi oħra.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, il-kondizzjonalità applikata għandha tkun xierqa għall-istrument ta' assistenza finanzjarja magħżul, kif stabbilit f'dan it-Trattat."

(16) Fl-Artikolu 4(4), l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"B'deroga mill-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, għandha tintuża proċedura ta' votazzjoni ta' emerġenza fejn il-Kummissjoni Ewropea u l-BĊE t-tnejn jikkonkludu li nuqqas ta' adozzjoni urġenti ta' deċiżjoni li tingħata jew tiġi implimentata assistenza finanzjarja, kif definit fl-Artikoli 13 sa 18, jista' jhedded is-sostenibbiltà ekonomika u finanzjarja taż-żona tal-euro."

(17) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 4, tiddaħħal is-sentenza li ġejja:

"Rappreżentanti ta' Stati Membri Parteċipanti li jipparteċipaw flimkien mal-MES f'finanzjament ta' kontinġenza għall-SRF għandhom jiġu mistiedna wkoll biex jipparteċipaw, bħala osservaturi, fil-laqgħat tal-Bord tad-Diretturi meta jkun ser jiġu diskussi kwistjonijiet li jirrigwardaw il-garanzija ta' kontinġenza komuni.";

(b) il-paragrafu 6 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) li jikkanċella l-fond ta' riżerva ta' emerġenza u jittrasferixxi l-kontenut tiegħu lura fil-fond ta' riżerva u/jew fil-kapital imħallas, skont l-Artikolu 4(4), li jikkanċella s-sospensjoni tal-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18a(6), li jbidel il-maġġoranza ta' votazzjoni meħtieġa għall-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar self u żborżi rispettivi taħt il-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza taħt il-proċedura ta' votazzjoni ta' emerġenza u jistabbilixxi ċ-ċirkostanzi li fihom għandha ssir reviżjoni fil-futur, f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 18a(6);";

(ii) il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) li jipprovdi sostenn għall-istabbiltà mill-MES, inkluża l-kondizzjonalità ta' politika ekonomika kif stabbilit fil-memorandum ta' qbil imsemmi fl-Artikolu 13(3) jew kif imsemmi fl-Artikolu 14(2), u jistabbilixxi l-għażla ta' strumenti u l-pattijiet finanzjarji u l-kondizzjonijiet, skont l-Artikoli 12 sa 18;";

(iii) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(fa) li jbidel il-kriterji ta' eliġibbiltà għal assistenza finanzjarja prekawzjonarja stabbiliti fl-Anness III f'konformità mal-Artikolu 14(1);";

(iv) il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) li jinkariga (i) lid-Direttur Maniġerjali u (ii) lill-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-BĊE, flimkien biex jinnegozjaw il-kondizzjonalità tal-politika ekonomika marbuta ma' assistenza finanzjarja, f'konformità mal-Artikolu 13(3);";

(v) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(ga) li jagħti faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18a(1), li jbidel il-kriterji għall-approvazzjoni ta' self u żborżi taħt il-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza stabbilita fl-Anness IV f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18a(1), li jiddetermina kwalunkwe wieħed mill-elementi stabbiliti fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 18a(1), u li jiddeċiedi dwar it-terminazzjoni jew il-kontinwazzjoni ta' tali faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza skont l-Artikolu 18a(1) u (8);";

(vi) il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(h) li jbidel il-politika tal-ipprezzar u l-linja gwida tal-ipprezzar għall-assistenza finanzjarja jew il-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza għall-SRF, skont l-Artikolu 20;";

(vii) il-punt (j) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(j) li jistabbilixxi l-modalitajiet għat-trasferiment tas-sostenn mill-FESF lill-MES, inkluż il-ħolqien ta' segment addizzjonali ta' kapital awtorizzat, skont l-Artikolu 40;".

(18) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Rappreżentanti ta' Stati Membri Parteċipanti li jipparteċipaw flimkien mal-MES f'finanzjament ta' kontinġenza għall-SRF għandhom jiġu mistiedna wkoll biex jipparteċipaw, bħala osservaturi, fil-laqgħat tal-Bord tad-Diretturi meta jkunu ser jiġu diskussi kwistjonijiet li jirrigwardaw il-garanzija ta' kontinġenza komuni.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Persuni oħra, inklużi rappreżentanti ta' istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet, jistgħu jiġu mistiedna mill-Bord tad-Diretturi biex jattendu laqgħat bħala osservaturi fuq bażi *ad hoc*."

(19) Fl-Artikolu 7(4), tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Id-Direttur Maniġerjali u l-persunal tal-MES għandhom ikunu responsabbli biss lejn il-MES u għandhom ikunu kompletament indipendenti fit-twettiq tad-doveri tagħhom."

(20) L-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Il-MES jista' jipprovdi l-faċilità ta' garanzija għall-SRF, mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Unjoni Ewropea u għall-kompetenzi tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ewropea. Self taħt il-faċilità ta' garanzija għandu jingħata biss bħala l-aħħar soluzzjoni u sal-punt li jkun fiskalment newtrali fit-terminu medju.";

(b) fil-paragrafu 3, tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Il-votazzjoni aggregata b'parti waħda għandha tapplika għat-titoli ġodda kollha tal-gvern fiż-żona tal-euro, b'maturità ta' aktar minn sena, maħruġa fl-1 ta' Jannar 2022 jew wara dik id-data.";

(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. Meta twettaq il-kompiti mogħtija lilha f'dan it-Trattat, il-Kummissjoni Ewropea ser tiżgura li l-operazzjonijiet ta' assistenza finanzjarja pprovduti mill-MES taħt dan it-Trattat ikunu, fejn rilevanti, konsistenti mal-liġi tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari mal-miżuri ta' koordinazzjoni ta' politika ekonomika previsti fit-TFUE.".

(21) L-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-kliem introdutturju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Membru fil-MES jista' jindirizza talba għal sostenn għall-istabbiltà lill-President tal-Bord tal-Gvernaturi. Tali talba għandha tindika l-istrument jew strumenti ta' assistenza finanzjarja li għandhom jiġu kkunsidrati. Meta jirċievi tali talba, kemm (i) id-Direttur Maniġerjali u (ii) il-Kummissjoni Ewropea, f'koordinazzjoni mal-BĊE, għandhom jiġu inkarigati mill-President tal-Bord tal-Gvernaturi biex flimkien iwettqu l-kompiti li ġejjin:";

(ii) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej;

"(b) valutazzjoni ta' jekk id-dejn pubbliku huwiex sostenibbli u jekk jistax jitħallas lura l-appoġġ għall-istabbiltà. Din il-valutazzjoni għandha ssir b'mod trasparenti u prevedibbli filwaqt li tippermetti biżżejjed marġni ta' ġudizzju. Fejn xieraq u possibbli, tali stima hija mistennija li ssir flimkien mal-FMI;"

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Abbażi tat-talba mill-Membru fil-MES u l-valutazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, proposta mid-Direttur Maniġerjali bbażata fuq dawn il-valutazzjonijiet u, fejn applikabbli, il-valutazzjonijiet pożittivi msemmija fl-Artikolu 14(1) u (2), il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jagħti, fil-prinċipju, sostenn għall-istabbiltà lill-Membru konċernat fil-MES fil-forma ta' faċilità ta' assistenza finanzjarja.";

(c) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Jekk tiġi adottata deċiżjoni skont il-paragrafu 2 għajr fir-rigward ta' linja ta' kreditu b'kondizzjonijiet prekawzjonarja, il-Bord tal-Gvernaturi għandu jinkariga (i) lid-Direttur Maniġerjali u (ii) lill-Kummissjoni Ewropea f'koordinazzjoni mal-BĊE, flimkien u, kull fejn possibbli, flimkien ukoll mal-FMI, bil-kompitu li tinnegozja mal-Membru konċernat fil-MES, memorandum ta' qbil ("MoU") li jispeċifika f'dettal il-kondizzjonalità marbuta mal-faċilità ta' assistenza finanzjarja. Il-kontenut tal-MoU għandu jirrifletti s-severità tad-dgħufijiet li għandhom jiġu indirizzati u l-forma magħżula tal-assistenza finanzjarja. Id-Direttur Maniġerjali għandu jħejji proposta għal ftehim dwar faċilità ta' assistenza finanzjarja, inklużi l-pattijiet finanzjarji u l-kondizzjonijiet u l-għażla ta' strumenti, li għandhom jiġu adottati mill-Bord tal-Gvernaturi.";

(d) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-MoU għandu jiġi ffirmat f'isem il-MES, mill-Kummissjoni Ewropea u d-Direttur Maniġerjali, soġġett għall-konformità minn qabel tal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 u l-approvazzjoni tal-Bord tal-Gvernaturi.";

(e) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Kemm (i) id-Direttur Maniġerjali u (ii) il-Kummissjoni Ewropea, f'koordinazzjoni mal-BĊE, flimkien u, kull fejn possibbli, flimkien ukoll mal-FMI, għandha tkun inkarigata timmonitorja l-konformità mal-kondizzjonalità marbuta mal-faċilità ta' assistenza finanzjarja.";

(f) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"8. Soġġett għal approvazzjoni minn qabel mill-Bord tad-Diretturi permezz ta' ftehim reċiproku, il-MES jista' jidħol f' memorandum ta' kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea li jagħti d-dettalji dwar il-kooperazzjoni bejn id-Direttur Maniġerjali u l-Kummissjoni Ewropea fit-twettiq tal-kompiti fdati lilhom skont il-paragrafi 1, 3 u 7 ta' dan l-Artikolu, u msemmija fl-Artikolu 3(1).".

(22) L-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ARTIKOLU 14

Assistenza finanzjarja prekawzjonarja tal-MES

1. L-istrumenti ta' għajnuna finanzjarja prekawzjonarja tal-MES jipprovdu appoġġ lill-Membri fil-MES bi prinċipji fundamentali ekonomiċi sodi li jistgħu jiġu affettwati minn xokk negattiv lil hinn mill-kontroll tagħhom. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jagħti assistenza finanzjarja prekawzjonarja lil Membru tal-MES li d-dejn tal-gvern tiegħu jkun sostenibbli fil-forma ta' linja ta' kreditu b'kondizzjonijiet prekawzjonarji jew fil-forma ta' linja ta' kreditu b'kondizzjonijiet imsaħħa skont l-Artikolu 12(1) soġġett għat-twettiq tal-kriterji ta' eliġibbiltà li għandhom jiġu applikati għal kull tip ta' tali assistenza kif previst fl-Anness III.

Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jbidel il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-assistenza finanzjarja prekawzjonarja tal-MES u jemenda l-Anness III skont dan. Din l-emenda għandha tidħol fis-seħħ wara li l-Membri tal-MES ikunu nnotifikaw lid-Depożitarju bit-tlestija tal-proċeduri nazzjonali applikabbli tagħhom.

2. Il-kondizzjonalità marbuta ma' linja ta' kreditu b'kondizzjonijiet prekawzjonarji għandha tikkonsisti f'rispett kontinwu tal-kriterji ta' eliġibbiltà previsti fl-Anness III li għalih il-Membru tal-MES ikkonċernat għandu jimpenja ruħu fit-talba ffirmata tiegħu skont l-Artikolu 13(1) li jenfasizza l-intenzjonijiet ta' politika ewlenin tiegħu ("Ittra ta' Intenzjoni"). Mal-wasla ta' tali Ittra ta' Intenzjoni, il-President tal-Bord tal-Gvernaturi għandu jinkariga lill-Kummissjoni Ewropea bil-kompitu li tivvaluta jekk l-intenzjonijiet ta' politika inklużi fl-Ittra ta' Intenzjoni humiex kompletament konsistenti mal-miżuri ta' koordinazzjoni ta' politika ekonomika previsti fit-TFUE, b'mod partikolari ma' kwalunkwe att ta' liġi tal-Unjoni Ewropea, inkluża kwalunkwe opinjoni, twissija, rakkomandazzjoni jew deċiżjoni indirizzata lill-Membru tal-MES ikkonċernat. B'deroga mill-Artikolu 13(3) u (4), ma għandu jiġi nnegożjat l-ebda MoU.

3. Il-kondizzjonalità marbuta ma' linja ta' kreditu b'kondizzjonijiet imsaħħa għandha tkun dettaljata fil-MoU, f'konformità mal-Artikolu 13(3), u tkun koerenti mal-kriterji ta' eliġibbiltà previsti fl-Anness III.

4. Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet finanzjarji tal-assistenza finanzjarja prekawzjonarja mill-MES għandhom ikunu speċifikati fi ftehim dwar faċilità ta' assistenza finanzjarja prekawzjonarja, li għandu jiġi ffirmat mid-Direttur Maniġerjali.

5. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta l-linji gwida dettaljati dwar il-modalitajiet għall-implimentazzjoni tal-assistenza finanzjarja prekawzjonarja mill-MES.

6. Il-Bord tad-Diretturi għandu jikkunsidra regolarment, mill-inqas kull sitt xhur jew wara li l-Membru tal-MES ikun ħa fondi għall-ewwel darba (permezz ta' self jew xiri tas-suq primarju), rapport skont l-Artikolu 13(7). Għal linja ta' kreditu b'kondizzjonijiet prekawzjonarji, ir-rapport għandu jivverifika r-rispett kontinwu tal-kriterji ta' eliġibbiltà kif imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, filwaqt li għal linja ta' kreditu b'kondizzjonijiet imsaħħa, ir-rapport għandu jivverifika l-konformità mal-kondizzjonijiet ta' politika dettaljati fil-MoUs. Fejn ir-rapport jikkonkludi li l-Membru tal-MES ikompli jirrispetta l-kriterji ta' eliġibbiltà għal-linja ta' kreditu b'kondizzjonijiet prekawzjonarji jew jikkonforma mal-kondizzjonalità marbuta ma' linja ta' kreditu b'kondizzjonijiet imsaħħa, il-linja ta' kreditu għandha tinżamm dment li d-Direttur Maniġerjali jew kwalunkwe Direttur ma jitlobx deċiżjoni tal-Bord tad-Diretturi bi ftehim reċiproku dwar jekk il-linja ta' kreditu għandhiex tinżamm.

7. Jekk ir-rapport skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu jikkonkludi li l-Membru tal-MES ma jkunx għadu jirrispetta l-kriterji ta' eliġibbiltà għal linja ta' kreditu b'kondizzjonijiet prekawzjonarji jew jikkonforma mal-kondizzjonalità marbuta ma' linja ta' kreditu b'kondizzjonijiet imsaħħa, l-aċċess għal-linja ta' kreditu għandu jitwaqqaf, dment li l-Bord tad-Diretturi ma jiddeċidix bi qbil komuni li jżomm il-linja ta' kreditu. Jekk Membru tal-MES ikun ħa fondi qabel, għandu japplika marġni addizzjonali skont il-linja gwida dwar l-ipprezzar li għandha tiġi adottata mill-Bord tal-Gvernaturi skont l-Artikolu 20(2), dment li l-Bord tad-Diretturi ma jivvalutax abbażi tar-rapport li n-nuqqas ta' konformità huwa dovut għal avvenimenti mhux fil-kontroll tal-Membru tal-MES. Jekk il-linja ta' kreditu ma tinżammx, tista' tintalab forma oħra ta' assistenza finanzjarja u tingħata skont ir-regoli applikabbli taħt dan it-Trattat."

(23) Fl-Artikolu 15, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Fejn applikabbli, il-Bord tad-Diretturi għandu jiddeċiedi bi qbil reċiproku fuq proposta mid-Direttur Maniġerjali u wara li jkun irċieva rapport mid-Direttur Maniġerjali u mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 13(7) dwar l-iżborż tas-segmenti tal-assistenza finanzjarja sussegwentement għall-ewwel segment."

(24) Fl-Artikolu 16, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-Bord tad-Diretturi għandu jiddeċiedi bi qbil reċiproku fuq proposta mid-Direttur Maniġerjali u wara li jkun irċieva rapport mid-Direttur Maniġerjali u mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 13(7) dwar l-iżborż tas-segmenti tal-assistenza finanzjarja sussegwentement għall-ewwel segment."

(25) Fl-Artikolu 17, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-Bord tad-Diretturi għandu jiddeċiedi bi qbil reċiproku fuq proposta mid-Direttur Maniġerjali u wara li jkun irċieva rapport mid-Direttur Maniġerjali u mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 13(7) dwar l-iżborż tal-assistenza finanzjarja lil Stat Membru benefiċjarju permezz ta' operazzjonijiet fis-suq primarju."

(26) Jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"ARTIKOLU 18a

Faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza

1. Abbażi ta' talba għal faċilità ta' garanzija mill-SRB u ta' proposta mid-Direttur Maniġerjali, il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jagħti faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza lill-SRB li tkopri l-użi kollha possibbli tal-SRF kif stabbilit fil-liġi tal-Unjoni Ewropea, soġġett għal salvagwardji adegwati.

Il-kriterji għall-approvazzjoni ta' self u żborżi taħt il-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza huma previsti fl-Anness IV. Il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jibdel il-kriterji għall-approvazzjoni ta' self u żborżi u jemenda l-Anness IV skont dan. Din l-emenda għandha tidħol fis-seħħ wara li l-Membri tal-MES ikunu nnotifikaw lid-Depożitarju bit-tlestija tal-proċeduri nazzjonali applikabbli tagħhom.

Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jiddetermina t-termini u l-kondizzjonijiet finanzjarji ewlenin tal-faċilità ta' garanzija, il-limitu nominali u kwalunkwe aġġustament għalih, id-dispożizzjonijiet dwar il-proċedura għall-verifika tal-konformità mal-kondizzjoni ta' permanenza tal-qafas legali għar-riżoluzzjoni bankarja u dwar il-konsegwenzi għall-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza u l-użu tagħha kif ukoll il-kondizzjonijiet li bihom il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jtemm il-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza u l-kondizzjonijiet u l-limiti ta' żmien li bihom il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jkompli l-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza skont il-paragrafu 8.

2. Il-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza għandha tiegħu l-forma ta' linja ta' kreditu rotanti li taħtha jista' jiġi pprovdut self.
3. It-termini u l-kondizzjonijiet finanzjarji dettaljati tal-faċilità ta' garanzija għandhom jiġu speċifikati fi ftehim dwar faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza mal-SRB, li għandu jiġi approvat mill-Bord tad-Diretturi permezz ta' ftehim reċiproku u ffirmat mid-Direttur Maniġerjali.
4. Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta u jirrevedi regolarment il-linji gwida dettaljati dwar il-modalitajiet għall-implimentazzjoni tal-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza, inkluż dwar proċeduri li jiżguraw adozzjoni rapida ta' deċiżjonijiet skont il-paragrafu 5.
5. Abbażi ta' talba għal self mill-SRB, li jkun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha filwaqt li jiġu rispettati r-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità tal-liġi tal-Unjoni Ewropea, proposta mid-Direttur Maniġerjali u valutazzjoni tal-kapaċità ta' ripagament tal-SRB u, fejn rilevanti, il-valutazzjonijiet mill-Kummissjoni Ewropea u l-BĊE skont il-paragrafu 6, il-Bord tad-Diretturi għandu jiddeċiedi bi ftehim reċiproku, iggwidat mill-kriterji previsti fl-Anness IV, dwar self u żborżi rispettivi taħt il-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza. Il-Bord tad-Diretturi jista' jiddeċiedi bi ftehim reċiproku li jiddelega lid-Direttur Maniġerjali l-funzjoni prevista f'dan il-paragrafu għal perijodu speċifiku ta' żmien u ammont, skont ir-regoli speċifikati fil-linji gwida adottati mill-Bord tad-Diretturi.

6. B'deroga mill-Artikolu 4(3), għandha tintuża proċedura ta' votazzjoni ta' emerġenza fejn il-Kummissjoni Ewropea u l-BĊE jikkonkludu f' valutazzjonijiet separati li nuqqas ta' adozzjoni urġenti ta' deċiżjoni mill-Bord tad-Diretturi fuq self u żborżi rispettivi taħt il-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza skont l-ewwel sentenza tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu jhedded is-sostenibbiltà ekonomika u finanzjarja taż-żona tal-euro. L-adozzjoni ta' tali deċiżjoni bi ftehim komuni fil-kuntest ta' din il-proċedura ta' emerġenza teħtieġ maġġoranza kwalifikata ta' 85 % tal-voti mitfugħa. Dan il-paragrafu ma japplikax jekk, u sakemm, kwalunkwe proċeduri jkunu għadhom għaddejjin dwar il-permanenza tal-qafas legali għal riżoluzzjoni bankarja skont il-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu u d-dispożizzjonijiet relatati adottati mill-Bord tal-Gvernaturi.

Fejn tintuża l-proċedura ta' emerġenza msemmija fl-ewwel subparagrafu, isir trasferiment lejn fond ta' riżerva ta' emerġenza sabiex jikkostitwixxi buffer dedikat biex ikopri r-riskji li jirriżultaw mis-self u l-iżborżi rispettivi approvati taħt dik il-proċedura ta' emerġenza. Il-Bord tad-Diretturi jista' jiddeċiedi bi ftehim reċiproku li jikkanċella l-fond ta' riżerva ta' emerġenza u jittrasferixxi l-kontenut tiegħu lura lejn il-fond ta' riżerva u/jew il-kapital imħallas.

Wara żewġ każijiet ta' użu ta' din il-proċedura ta' votazzjoni ta' emerġenza, l-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu għandha tiġi sospiża sakemm il-Bord tal-Gvernaturi jiddeċiedi li jikkanċella t-tali sospensjoni. Il-Bord tal-Gvernaturi, meta jiddeċiedi li jikkanċella t-tali sospensjoni, għandu jirrevedi l-maġġoranza tal-votazzjoni meħtieġa għall-adozzjoni ta' deċiżjoni skont il-proċedura msemmija u jistabbilixxi ċ-ċirkostanzi li fihom għandha ssir reviżjoni fil-futur, u jista' jiddeċiedi li jemenda dan il-paragrafu kif meħtieġ, mingħajr ma jitbaxxa l-limitu tal-vot. Din l-emenda għandha tidħol fis-seħħ wara li l-Membri tal-MES ikunu nnotifikaw lid-Depożitarju bit-tlestija tal-proċeduri nazzjonali applikabbli tagħhom.

7. L-MES għandu jistabbilixxi sistema ta' twissija xierqa li tiżgura riċevuta f'waqtha ta' ħlasijiet lura dovuti skont il-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza.
8. Il-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza u l-użu tagħha taħt dan l-Artikolu għandhom ikunu kontinġenti fuq il-konformità mal-kondizzjoni ta' permanenza tal-qafas legali għal riżoluzzjoni bankarja. Fejn il-kondizzjoni dwar il-permanenza tal-qafas legali għar-riżoluzzjoni bankarja ma tiġix irrISPettata, tinbeda reviżjoni komprensiva u għandha tkun meħtieġa deċiżjoni mill-Bord tal-Gvernaturi biex titkompla l-faċilità tal-garanzija ta' kontinġenza. Aktar dispożizzjonijiet dwar il-proċedura għall-verifika tal-konformità mal-kondizzjoni ta' permanenza tal-qafas legali għar-riżoluzzjoni bankarja u dwar il-konsegwenzi għall-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza u l-użu tagħha, għandhom jiġu determinati mill-Bord tal-Gvernaturi skont il-paragrafu 1.
9. Għall-finijiet tal-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu, il-permanenza tal-qafas legali għal riżoluzzjoni bankarja għandha tikkonsisti minn:
- (a) il-permanenza, kif definita fl-Artikolu 9(1) tal-Ftehim Intergovernattiv tal-21 ta' Mejju 2014 dwar it-trasferiment u l-mutwalizzazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni ("IGA"), tar-regoli definiti fl-Artikolu 9(1) IGA; u
 - (b) il-permanenza tal-prinċipji u r-regoli relatati mal-ġhodda ta' rikapitalizzazzjoni interna u mal-qafas dwar ir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli stabbiliti fil-BRRD, fl-SRMR u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012*, sal-punt li dawn il-prinċipji u r-regoli huma rilevanti għall-preservazzjoni tal-mezzi finanzjarji tal-SRF.

10. Fl-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, il-MES għandu jikkoopera mill-qrib mal-Istati Membri Parteċipanti li jipparteċipaw flimkien mal-MES fil-finanzjament tal-garanzija ta' kontinġenza għall-SRF.

* ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1."

(27) Fl-Artikolu 19, it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Reviżjoni tal-lista ta' strumenti ta' assistenza finanzjarja u l-emendar tagħha".

(28) Fl-Artikolu 20, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Meta jagħti sostenn għall-istabbiltà jew finanzjament ta' kontinġenza għall-SRF, il-MES għandu jimmira sabiex ikopri kompletament il-kostijiet tal-finanzjament u tal-operazzjonijiet tiegħu u għandu jinkludi marġni adegwat.

2. Għall-istrumenti kollha tal-assistenza finanzjarja u ta' finanzjament ta' kontinġenza għall-SRF, l-ipprezzar għandu jiġi dettaljat f'linja gwida dwar l-ipprezzar, li għandha tiġi adottata mill-Bord tal-Gvernaturi."

(29) Fl-Artikolu 21, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-MES b'dan jingħata s-setgħa li jissellef fis-swieq kapitali minn banek, istituzzjonijiet finanzjarji jew persuni jew istituzzjonijiet oħra biex iwettaq l-għanijiet tiegħu."

(30) Fl-Artikolu 30, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jagħmel ir-rapport annwali aċċessibbli għall-parlamenti nazzjonali u l-istituzzjonijiet supremi ta' verifika tal-Membri tal-MES, għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri u għall-Parlament Ewropew."

(31) Fl-Artikolu 37, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. Kwalunkwe disputa bejn il-Membri tal-MES dwar il-konformità mal-kondizzjoni tal-permanenza tal-qafas legali għar-riżoluzzjoni bankarja stabbilita fl-Artikolu 18a tista' tiġi ppreżentata direttament lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-proċedura li għandha tiġi ddeterminata mill-Bord tal-Gvernaturi skont l-Artikolu 18a(1) u (8). Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha tkun vinkolanti fuq il-partijiet fil-proċedura; l-MES għandu jaġixxi f'konformità ma' tali sentenza."

(32) Fl-Artikolu 38, l-uniku paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-MES għandu d-dritt, sabiex iwettaq l-għanijiet tiegħu, li jikkoopera, fil-kuntest tal-pattijiet ta' dan it-Trattat, mal-FMI, ma' kwalunkwe Stat li jipprovdi assistenza finanzjarja lil xi Membru fil-MES fuq bażi *ad hoc*, ma' kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u ma' kull organizzazzjoni jew entità internazzjonali li jkollha responsabbiltajiet f'oqsma relatati."

(33) Fl-Artikolu 40, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 8 sa 11 u 39, il-Bord tal-Gvernaturi jista', sabiex jiffaċilita t-trasferiment imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, jidher segment addizzjonali ta' kapital awtorizzat, li għandu jkun sottoskritt minn uħud jew mill-ażżjonisti kollha tal-EFSF b'mod proporzjonali skont il-kjavi ta' kontribuzzjoni stabbilit fl-Anness 2 tal-Ftehim Qafas tal-EFSF iffirmit fl-10 ta' Ġunju 2010 (kif emendat). Is-segment addizzjonali għandu jikkonsisti minn kapital eżerċitabbli, ma għandu jkollu l-ebda dritt tal-vot (anki jekk tali kapital jiġi eżerċitat), u għandu jkun soġġett għal ammont massimu li jikkorrispondi għall-ammont prinċipali aggregat pendenti tal-faċilitajiet ta' self tal-EFSF trasferiti multiplikati b'perċentwal mhux oġġla minn 165 %. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jiddetermina l-mod u ċ-ċirkostanzi tal-eżerċitar tal-kapital u l-ħlasijiet taħt is-segment addizzjonali.

It-trasferiment imsemmi fil-paragrafu 2 ma għandux iżid is-somma tal-obbligazzjonijiet tal-EFSF u tal-MES meta mqabbla ma' xenarju fejn dak it-trasferiment ma jseħx. Is-segment addizzjonali għandu jappoġġa t-trasferiment tas-self tal-EFSF u għandu jitnaqqas b'mod konformi mar-ripagament tas-self imsemmi.

Id-deċiżjoni mill-Bord tal-Gvernaturi skont l-ewwel subparagrafu għandha tidħol fis-seħħ wara li l-Membri tal-MES ikunu nnotifikaw lid-Depożitarju bit-tlestija tal-proċeduri nazzjonali applikabbli tagħhom."

(34) Fl-Artikolu 45, il-punti 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1) Anness I: Il-kjavi ta' kontribuzzjoni fil-MES;

- 2) Anness II: Is-sottoskrizzjonijiet tal-istokk ta' kapital awtorizzat;
 - 3) Anness III: Kriterji ta' eliġibbiltà għal assistenza finanzjarja prekawzjonarja tal-MES; u
 - 4) Anness IV: Kriterji għall-approvazzjoni ta' self u żborżi taħt il-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza."
- (35) It-test li ġej jiżdied bħala Anness III:

"ANNEX III

Kriterji ta' eliġibbiltà għal assistenza finanzjarja prekawzjonarja tal-MES

1. Il-kriterji ta' hawn taħt jirrappreżentaw il-kriterji ta' eliġibbiltà għal assistenza finanzjarja prekawzjonarja tal-MES u ġew iddeterminati b'kont meħud ta':
 - (a) id-Dikjarazzjoni tas-Summit taż-Żona tal-Euro tal-14 ta' Diċembru 2018 li approvat id-dokument dwar il-kondizzjonijiet dwar ir-riforma tal-MES, li tispjega li l-kriterji ta' eliġibbiltà *ex ante* li jivvalutaw prestazzjoni ekonomika u finanzjarja tajba ser jiġu ċċarati, u li l-istrument ta' linja ta' kreditu b'kondizzjonijiet imsaħħa ("ECCL") ser ikompli jkun disponibbli kif previst fil-linja gwida attwali tal-MES; u

- (b) il-pożizzjoni konġunta dwar il-kooperazzjoni futura bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-MES, kif annessa mad-dokument dwar il-kondizzjonijiet dwar ir-riforma tal-MES, kif ukoll għar-rwoli u l-kompetenzi tal-istituzzjonijiet kif previst fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, meta jitqies li l-proċedura għall-għoti ta' assistenza finanzjarja prekawzjonarja tal-MES issegwi l-Artikoli 13 u 14 ta' dan it-Trattat, u li skont l-Artikolu 14(1) ta' dan it-Trattat, il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jagħti assistenza finanzjarja prekawzjonarja lil Membru tal-MES li d-dejn tal-gvern tiegħu huwa sostenibbli, u li l-Bord tad-Diretturi għandu jadotta l-linji gwida dettaljati dwar il-modalitajiet għall-implimentazzjoni tal-assistenza finanzjarja prekawzjonarja tal-MES skont l-Artikolu 14(5) ta' dan it-Trattat,

2. Il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-għoti ta' linja ta' kreditu b'kondizzjonijiet prekawzjonarji ("PCCL"):

L-aċċess għal PCCL għandu jkun ibbażat fuq kriterji ta' eliġibbiltà u limitat għal Membri tal-MES fejn is-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tkun fundamentalment b'saħħitha u li d-dejn tal-gvern tagħha jkun sostenibbli. Bħala regola, il-Membri tal-MES jeħtieġu li jissodisfaw parametri referenzjarji kwantitattivi u jikkonformaw ma' kondizzjonijiet kwalitattivi relatati mas-sorveljanza tal-UE. Għandha ssir valutazzjoni dwar jekk Membru potenzjali tal-MES benefiċjarju jikkwalifikax għal PCCL fuq il-bażi tal-kriterji li ġejjin:

- (a) rispetta għall-parametri referenzjarji fiskali kwantitattivi. Il-Membru tal-MES ma għandux ikun taħt proċedura ta' defiċit eċċessiv u jeħtieġ li jissodisfa t-tliet punti ta' riferiment li ġejjin fis-sentejn li jippreċedu t-talba għal assistenza finanzjarja prekawzjonarja:
- (i) defiċit ġenerali tal-gvern li ma jaqbiżx 3 % tal-PDG;
 - (ii) bilanċ ġenerali tal-baġit strutturali tal-gvern għal jew ogħla mill-parametru referenzjarju minimu speċifiku għall-pajjiż*;
 - (iii) parametru referenzjarju tad-dejn li jikkonsisti fi proporzjon ta' dejn tal-gvern mal-PDG ta' inqas minn 60 % jew tnaqqis fid-differenzjal fir-rigward ta' 60 % matul is-sentejn ta' qabel b'rata medja ta' wieħed minn kull għoxrin fis-sena;
- (b) in-nuqqas komplet tal-iżbilanċi eċċessivi. Il-Membru tal-MES ma għandux jiġi identifikat li qed jesperjenza żbilanċi eċċessivi taħt is-sorveljanza tal-UE;
- (c) rekord ta' aċċess għas-swieq kapitali internazzjonali, fejn rilevanti, b'termini raġonevoli;
- (d) pożizzjoni esterna sostenibbli; u
- (e) in-nuqqas komplet ta' dgħufijiet serji tas-settur finanzjarju li jpoġġu f'riskju l-istabbiltà finanzjarja tal-Membru tal-MES.

3. Il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-ġħoti ta' ECCL

L-aċċess għal ECCL għandu jkun miftuħ għal Membri tal-MES li ma jkunux eliġibbli għall-PCCL minħabba nuqqas ta' konformità ma' xi kriterji ta' eliġibbiltà iżda li s-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja ġenerali tagħhom tibqa' b'saħħitha u li d-dejn tal-gvern tagħhom ikun sostenibbli.

* Il-parametru referenzjarju minimu huwa l-livell tal-bilanċ strutturali li jipprovdi marġini ta' sikurezza kontra l-limitu ta' 3 % TFUE taħt kondizzjonijiet ċikliċi normali. Dan jintuża primarjament bħala wieħed minn tliet *inputs* fil-kalkolu tal-oġġettiv minimu fuq terminu medju."

(36) It-test li ġej huwa miżjud bħala Anness IV:

"ANNESS IV

Kriterji għall-approvazzjoni ta' self u żborżi taħt il-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza

1. Il-kriterji ta' hawn taħt jirrappreżentaw il-kriterji għall-approvazzjoni ta' self u ħlasijiet taħt il-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza u ġew iddeterminati b'kont meħud ta':

(a) It-termini ta' referenza tal-garanzija ta' kontinġenza komuni għall-SRF approvati fis-Summit taż-Żona tal-Euro tal-14 ta' Diċembru 2018;

- (b) Il-premessa 15b ta' dan it-Trattat tfakkar li t-termini ta' referenza tal-garanzija ta' kontinġenza komuni għall-SRF approvati fis-Summit taż-Żona tal-Euro tal-14 ta' Diċembru 2018 jipprevedu kriterji għall-iżborżi taħt il-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza inklużi, fost l-oħrajn, il-prinċipji tal-aħħar għażla u newtralità fiskali fuq terminu medju, il-konformità sħiħa mal-SRMR u mal-BRRD, u l-permanenza tal-qafas legali;
- (c) L-Artikolu 12(1a) ta' dan it-Trattat li jispeċifika li s-self taħt il-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza għandu jingħata biss bħala l-aħħar soluzzjoni u sal-punt li jkun fiskalment newtrali fit-terminu medju;
- (d) L-Artikolu 18a(8) ta' dan it-Trattat li jispeċifika li l-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza u l-użu tagħha għandhom ikunu kontinġenti fuq il-konformità mal-kondizzjoni ta' permanenza tal-qafas legali għal riżoluzzjoni bankarja u li aktar dispożizzjonijiet dwar il-proċedura dwar il-verifika tal-konformità ma' din il-kondizzjoni u dwar il-konsegwenzi għall-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza u l-użu tagħha għandhom jiġu determinati mill-Bord tal-Gvernaturi skont l-Artikolu 18a(1) ta' dan it-Trattat;
- (e) L-Artikolu 18a(5) ta' dan it-Trattat li jispeċifika li l-Bord tad-Diretturi għandu jiddeċiedi bi ftehim reċiproku, iggwidat mill-kriterji previsti f'dan l-Anness, dwar is-self u l-iżborżi rispettivi taħt il-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza,

u meta jitqies li l-proċedura għall-għoti u l-implimentazzjoni tal-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza ssegwi l-Artikolu 18a ta' dan it-Trattat u li l-Bord tad-Diretturi għandu jadotta linji gwida dettaljati dwar il-modalitajiet għall-implimentazzjoni tal-faċilità ta' garanzija skont l-Artikolu 18a(4) ta' dan it-Trattat.

2. Il-kriterji għall-approvazzjoni ta' self u żborżi taħt il-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza:
- (a) L-użu ta' faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza huwa l-aħħar għażla. Għalhekk:
- (i) il-mezzi finanzjarji tal-SRF disponibbli biex jintużaw skont l-Artikolu 76 tal-SRMR li mhumiex diġà impenjati għal azzjonijiet ta' riżoluzzjoni huma eżawriti, inkluża s-sitwazzjoni fejn hemm mezzi finanzjarji disponibbli fl-SRF, iżda dawk huma insuffiċjenti għall-każ ta' riżoluzzjoni inkwistjoni;
- (ii) il-kontribuzzjonijiet *ex post* mhumiex biżżejjed jew mhumiex disponibbli minnufih; u
- (iii) l-SRB ma jistax jissellef b'termini u kondizzjonijiet meqjusa bħala aċċettabbli mill-SRB skont l-Artikoli 73 u 74 tal-SRMR;
- (b) Il-prinċipju ta' newtralità fiskali fuq terminu medju jiġi rrispettat. Il-kapaċità ta' ripagament tal-SRB hija biżżejjed biex iħallas lura kompletament is-self mogħti taħt il-faċilità ta' garanzija ta' kontinġenza fuq perijodu medju ta' żmien;
- (c) Il-fondi mitluba huma disponibbli għall-MES. Fil-każ ta' żborżi ta' flus, il-MES kiseb il-fondi fuq termini aċċettabbli għall-MES jew, fil-każ ta' żborżi mhux fi flus, in-noti huma legalment maħluqa u miżmuma f'kustodja ta' depożitarju tas-sigurtà applikabbli;

- (d) Il-partijiet kollha għall-IGA, li fit-territorji tagħhom issejtni l-azzjoni ta' rizzoluzzjoni rilevanti, ikunu kkonformaw mal-obbligi tagħhom li jitransferixxu l-kontribuzzjonijiet irċevuti mingħand l-istituzzjonijiet awtorizzati fit-territorju tagħhom għall-SRF;
- (e) Ma hemm l-ebda każ kontinwu ta' nuqqas ta' teħid b'self tal-SRB mill-MES jew minn kwalunkwe kreditur ieħor, jew l-SRB ippreżenta pjan ta' rimedju fir-rigward ta' kwalunkwe avveniment ta' nuqqas kontinwu bħal dan li jkun sodisfaċenti għall-Bord tad-Diretturi;
- (f) Il-kondizzjoni ta' permanenza tal-qafas legali dwar ir-rizzoluzzjoni bankarja kif definit fl-Artikolu 18a(9) ta' dan it-Trattat tiġi mħarsa, kif determinat mill-Bord tal-Gvernaturi skont l-Artikolu 18a(1) u (8) ta' dan it-Trattat; u
- (g) L-iskema ta' rizzoluzzjoni dedikata hija kompletament konformi mal-liġi tal-Unjoni Ewropea u daħlet fis-sejtni f'konformità mal-liġi tal-Unjoni Ewropea."

ARTIKOLU 2

Depożitu

Dan il-Ftehim Emendatorju għandu jiġi ddepożitat mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ("id-Depożitarju"), li għandu jikkomunika kopji ċċertifikati lill-Firmatarji kollha.

ARTIKOLU 3

Konsolidazzjoni

Id-Depożitarju għandu jistabbilixxi verżjoni konsolidata tat-Trattat li Jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà u jikkomunikaha lill-Firmatarji kollha.

ARTIKOLU 4

Ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni

1. Dan il-Ftehim Emendatorju għandu jkun soġġett għal ratifika, għal approvazzjoni jew aċċettazzjoni mill-firmatarji. L-istrumenti tar-ratifika, tal-approvazzjoni jew tal-aċċettazzjoni għandhom jiġu depożitati għand id-Depożitarju.
2. Id-Depożitorju għandu javża lil daww l-oħra li ffirmaw il-Ftehim b'kull depożitu u bid-data tagħhom.

ARTIKOLU 5

Dħul fis-seħħ u adeżjoni

1. Dan il-Ftehim Emendatorju għandu jidhul fis-seħħ fid-data meta l-istrumenti ta' ratifika, approvazzjoni jew aċċettazzjoni jkunu ġew depożitati mill-Firmatarji kollha.

2. Qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu, dan il-Ftehim Emendatorju għandu jkun miftuħ għal adeżjoni mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li jaderixxu mat-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà f'konformità mal-Artikoli 2 u 44 tiegħu.

L-Artikoli 2 u 44 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà għandhom japplikaw ukoll għall-adeżjoni ma' dan il-Ftehim Emendatorju.

L-Istat Membru aderenti għandu jintalab jissottometti l-applikazzjoni għall-adeżjoni għal dan il-Ftehim Emendatorju simultanjament mal-applikazzjoni għall-adeżjoni mat-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà. L-approvazzjoni tal-applikazzjoni mill-Bord tal-Gvernaturi skont l-Artikolu 44 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà għandha tidħol fis-seħħ mad-depożitu simultanju tal-istrumenti ta' adeżjoni kemm mat-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà kif ukoll ma' dan il-Ftehim Emendatorju.

Magħmul f'oriġinal uniku, li t-testi tiegħu bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliš, bl-Irlandiż, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bil-Latvjian, bil-Litwan, bil-Malti, bin-Netherlandiż, bil-Portugiż, bis-Slovakk, bis-Sloven u bit-Taljan huma ugwalment awtentiċi.